# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 23**

**Rikors numru 442/08 AF**

**Emmanuel Vella u martu Maria Dolores Vella Croker**

**v.**

**Adelina Sacco u Connie Abdilla**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell tal-intimata Adelina Sacco minn zewg sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili: wahda sentenza in parte [l-ewwel sentenza] moghtija fl-20 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-istess intimata a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f), u ordnat li l-ispejjez relatati ma' dik id-decizjoni jkunu a karigu tal-intimata; u s-sentenza [it-tieni sentenza] moghtija fil-11 ta' Gunju 2013 fejn dik l-istess Qorti

filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimata, laqghet it-talba tar-rikorrenti u kkundannat lill-istess intimata thallashom is-somma ta' wiehed u erbghin elf, seba' mija u tmienja u ghoxrin Euro (€41,728) bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur, u bl-ispejjez kollha jithallsu mill-intimata Adelina Sacco.

**<u>Mertu</u>**

2. Permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti talbu illi l-intimata Adelina Sacco tigi kkundannata thallas is-somma ta' wiehed u erbghin elf, seba' mija u tmienja u ghoxrin Euro (€41,728) bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur, rapprezentanti ammont ridott li huma kienu hallsu lis-socjeta' Go plc, gja` Maltacom plc fuq servizz tat-telefon bin-numru 432724 installat fil-fond 21/23, Triq l-Gharusa, Mosta mikri lil Adelina Sacco, wara li l-istess rikorrenti, bhala abbonati tal-imsemmija socjeta', gew ikkundannati jhallsu s-somma ta' €23,813.24 bl-ispejjez u imghaxijiet permezz ta' Sentenza fl-ismijiet **Maltacom plc v. Emmanuel Vella** (Citaz. 199/1998) deciza fl-10 ta' Jannar 2008. Ir-rikorrenti jippretendu li l-intimata ghandha taghmel tajjeb ghal dan l-ammont li huma gew kostretti li jhallsu ghas-servizz li jghidu li fl-ahhar mill-ahhar, inqdiet bih l-intimata biss, bhala l-inkwlina tal-fond fejn kien hemm installat dan is-servizz telefoniku.

3. L-intimata fid-difiza taghha ssollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16, filwaqt illi fil-mertu ssostni li hija qatt ma accettat li tassumi responsabbilita` ghall-hlas ta' kull ammont dovut izda accettat biss ir-responsabbilita` ghall-kont tat-telephone. Inoltre tghid illi kwalsiasi pagament li setghet ghamlet fuq dan il-kont dejjem sar *under protest*. L-intimata tichad li l-ammont mitlub huwa dovut ghat-telefonati li ghamlet mil-linja telefonika, anke ghaliex ma kienetx hi biss li kienet taghmel uzu mis-servizz.

**Is-Sentenzi Appellati**

4. Permezz tal-ewwel sentenza l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimata a tenur tal-Artikolu 2156(f) u waslet ghad-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-imsemmija intimati jeccepixxu l-preskrizzjoni a tenur tal-Art. 2156 (f) tal-Kap. 16, u cioe' il-preskrizzjoni kwinkwennali. Fil-kuntest ta' preskrizzjoni huwa ben stabbilit illi kull interpretazzjoni ghandha tkun essenzjalment restrittiva, dan in vista tan-natura eccezzjonali tad-difiza innifisha.
>
> "Fil-kaz in ezami, jirrizulta mill-provi prodotti fil-kawza Nru. 199/98 JRM li, bi qbil bejn il-partijiet gew annessi mal-atti ta' din il-kawza illi fl-14 ta' Ottubru 1993, il-konvenuti rrikonoxxew id-debitu de quo. L-intimata Adelina Sacco ghamlet pagamenti sal-1996.
>
> "F'seduta f'Mejju 2003, l-istess intimata rrikonoxxiet ukoll illi hija ghamlet zmien thallas pagamenti akkonti.

> "Jirrizulta illi fl-4 ta' Novembru 2003, l-intimata odjerni gew notifikati fil-kawza fuq imsemmija li Maltacom kienet istitwiet kontra l-atturi odjerni u li fiha gew imsejha l-intimati. Il-kawza odjerna giet prezentata fit-30 ta' April 2008.
>
> "Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-kummerc fil-kawza "Sammut vs Vella" (31 ta' Mejju 1995), fejn gie ritenut li pagamenti akkont huma rikonoxximent ta' debitu. Inoltre, fil-kawza "Gialanze vs Rizzo" (29 ta' Jannar 1998), tenniet illi "id-debitur li jammetti li ghandu jaghti lill-attur, imma ma jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma pretiza li rrinunzja ghall-preskrizzjoni" (Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri]).
>
> "Fid-dawl tal-fuq espost, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti qed tigi michuda. Il-Qorti tordna, ghaldaqstant, li l-kawza titkompla regolarment.
>
> L-ispejjez relatati ma' din id-decizjoni jkunu a karigu tal-konvenuti."

5. Fis-Sentenza taghha tal-11 ta' Gunju 2013, l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni dwar il-meritu kif indikat fil-parti preliminari ta' din is-sentenza

**<u>L-Appell</u>**

6. L-intimata pprezentat l-appell taghha fl-1 ta' Lulju 2013 u talbet illi s-sentenzi tal-ewwel Qorti fuq indikati jigu revokati, fid-dawl tal-aggravji minnha mressqa fir-rikors tal-appell taghha, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

7. Dwar l-ewwel sentenza, l-aggravju tal-intimata fil-qosor jikkonsisti fl-ilment li bid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti stabbiliet li l-intimata kienet

irrikonoxxiet id-debitu. L-intimata ssostni wkoll li anke jekk xi darba kien hemm ammissjoni illi l-ammont huwa dovut minnha, ghaddew diversi snin mid-data tal-iskrittura privata tal-14 ta' Ottubru 1993 kif ukoll mid-data tal-ahhar pagament li hija ghamlet akkont tad-debitu, u qatt ma kien hemm ammissjoni mill-gdid da parti taghha.

8. Dwar it-tieni sentenza, l-aggravji tal-intimata fil-qosor huma s-segwenti:- (1) l-ewwel Qorti ma qiesetx il-fatt li, filwaqt illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti jirreferi ghas-servizz telefoniku installat gewwa l-fond 21/23, Triq l-Gharusa, Mosta, l-intimata kienet tokkupa biss il-fond bin-numru 21, Triq l-Gharusa, Mosta u ghalhekk ma tistax tkun responsabbli ghat-telefonati maghmulin minn haddiehor; (2) mhux korretta l-konkluzjoni li l-intimata kienet bdiet programm ta' ripagamenti lil Maltacom, u wkoll li dawn il-pagamenti kienu saru taht protesta; u (3) lanqas ma hija korretta l-konkluzjoni li saru verifiki dettaljati fil-proceduri Citaz. Numru 199/1998 allegati mal-atti tal-proceduri odjerni dwar l-ammont dovut lil Maltacom.

9. Ghal dan l-appell ir-rikorrenti pprezentaw risposta fl-24 ta' Lulju 2013 fejn sostnew illi z-zewg Sentenzi huma gusti u ghandhom jigu konfermati fl-intier taghhom, ghar-ragunijiet moghtija mill-istess rikorrenti

fir-risposta taghhom u illi l-appell tal-intimata ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra taghha.

**L-Aggravji**

**L-Ewwel Sentenza**

10. L-intimata appellanti eccepiet illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenut tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 li fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:-

> "L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:
> …
> (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

11. Huwa pacifiku illi talba ghall-hlas ta' ammont dovut fuq kuntratt ghal servizz telefoniku, tiddekadi bil-preskrizzjoni tal-hames snin skont l-Artikolu 2156(f).

12. L-intimata tilmenta mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi, mill-provi mressqa fil-proceduri Citaz. Numru 199/1998 allegati mal-atti tal-proceduri odjerni, jirrizulta li l-intimata rrikonoxxiet l-ammont mitlub mir-rikorrenti f'din il-kawza. Skont l-ewwel Qorti, jirrizulta mill-imsemmija

proceduri illi l-intimati "*rrikonoxxew id-debitu de quo*". Din il-konkluzjoni waslet ghaliha wara li kkonsidrat illi:-

- hemm rikonoxximent tad-debitu fl-iskrittura privata datata 14 ta' Ottubru 1993;
- l-intimata rikonoxxiet li ghamlet zmien thallas pagamenti akkont tal-kontijiet dovut fuq is-servizz telefoniku bin-numru 432724; u
- Fl-4 ta' Novembru 2003 l-intimata giet notifikata bil-kawza Citaz. Numru 199/1998 meta giet imsejha bhala konvenuta fl-istess kawza filwaqt illi l-kawza odjerna gietipprezentata fit-30 ta' April 2008.

13. L-ewwel Qorti ddecidiet illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ghandu jirrizulta li l-intimata rrikonoxxiet id-debitu pretiz mir-rikorrenti u konsegwentement hija ghandha titqies li rrinunzjat ghall-preskrizzjoni.

14. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-principji generali li jirregolaw ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni jinsabu enuncjati fl-Artikolu 2109 *et seq*. tal-Kodici Civili. Skont l-Artikolu 2109(1), <u>ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita</u> filwaqt illi s-subiciz (2) tal-istess Artikolu jiddisponi illi <u>r-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat</u>. L-Artikolu 2133 ikompli jipprovdi illi <u>l-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja</u>, filwaqt illi skont l-Artikolu 2134, <u>il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn</u>, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih. [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

15. Fis-Sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1952 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Micallef v. Brigadier John Belle Mc Canee nomine**, inghad hekk:-

> "Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompjuta tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta' li jigi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u tacita, b`fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta`; u tista' tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta` prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt". [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

16. Fis-Sentenza **Joseph Cassar nomine et v. Sunny Muscat et**, deciza fit-28 ta' April 2004, din il-Qorti fil-kompetenza inferjuri taghha irriteniet hekk:-

> "Ghall-precizazzjoni r-rikonoxximent ghall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-ko-ezistenza ta' dawn ir-rekwiziti, jigifieri, (a) il-volontarjeta`; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (c) l-inekwivocita u (d) l-esternazzjoni tar-rikonnoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt iehor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-weghda tal-hlas, xi rikjesta biex jinghata dilazzjoni tal-pagament, u l-hlas akkont (Kollez. Vol. XXIX pI p755; Vol XLIII pII p744; Victor Calleja noe v. Nazzareno Vassallo et noe" Appell, 5 ta' Ottubru 1998)."

17. Illi minn dan kollu jirrizulta illi debitur jitqies li jkun irrinunzja ghall-preskrizzjoni meta jaghraf b'mod inekwivoku l-jedd pretiz mill-kreditur tieghu. B'danakollu, huwa evidenti li l-gharfien tad-dejn iservi biex ikun hemm interruzzjoni taz-zmien ghall-preskrizzjoni li tkun gja` ddekorriet kontra l-kreditur, u mhux rinunzja ghall-preskrizzjoni ghall-futur.

Ghalhekk, ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni li ssir permezz ta' rikonoxximent jew gharfien tad-dejn, hija effikacji ghall-preskrizzjoni gja` kompjuta u sservi bhala interruzzjoni taz-zmien li jkun qieghed jiddekorri kontra l-kreditur, b'mod li z-zmien ghall-preskrizzjoni jerga' jibda jiddekorri mill-gdid minn dak inhar tal-interruzzjoni li tkun sehhet bir-rikonixximent tad-debitur. Dan huwa espressament rikonoxxut mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2108 tal-Kodici Civili li jipprovdi hekk:-

> "Ma tistax issir minn qabel rinunzja bil-quddiem tal-preskrizzjoni … Tista' ssir rinunzja ghall-preskrizzjoni gja` akkwistata."

18. Fi kliem iehor, ir-rikonoxximent da parti tad-debitur li jissodisfa r-rekwiziti tal-Ligi kif imfissrin fil-gurisprudenza fuq citata, jopera bhala rinunzja tal-preskrizzjoni gja` kompjuta u mhux b'mod indefinittiv u generali ghall-preskrizzjoni li tista' fil-futur issehh bit-trapass ta' perjodu iehor ta' preskrizzjoni. Ghalhekk, f'kaz li l-kreditur jonqos milli jagixxi gudizzjarjament jew jonqos milli jikseb altrimenti interuzzjoni ohra tal-preskrizzjoni fi zmien utili wara l-ahhar rikonoxximent tal-jedd tieghu u jghaddi t-terminu ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni, dak l-ahhar rikonixximent ma jibqax jiswa', sakemm naturalment id-debitur ma jammettix mill-gdid. Ghalhekk, is-siwi tar-rikonoxximent tad-dejn bhala rinunzja ghall-preskrizzjoni huwa limitat ghaz-zmien gja` dekors. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Guillaumier v. Joseph Cassar Aveta**:-

> "Illi r-rinunzja lecita ghad-dekorriment tal-perijodu preskrittiv estintiv tal-azzjoni trid tirrizulta "da un fatto che suppone l`abbandono del diritto acquistato .... il fatto deve essere di tale natura, che non lasci nessun dubbio sulla intenzione di abbandonare il diritto acquisito colla prescrizione". [Sottolinejar ta' dina l-Qorti]

19. Fil-meritu din il-Qorti tosserva li mill-atti tal-process Citaz. Numru 199/1998 deciz fl-10 ta' Jannar 1998, jirrizulta illi l-intimata ffirmat skrittura privata datata 14 ta' Ottubru 1993[1] fejn espressament assumiet "*responsabbilita` totali*" a favur tar-rikorrenti Emanuel Vella, ghall-ammont imsemmi fl-istess skrittura jew ammont verjuri li jista' jirrizulta dovut lill-Korporazzjoni Telemalta, illum Go plc, in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 432724.

20. Fis-sentenza fl-ismijiet **Austin Psaila v. Lother Slabick**[2], inghad illi r-rikonoxximent stabbilit mill-Artikolu 2133 jimmanifesta ruhu jew permezz ta' **xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt**, bhalma huma l-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont, l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts." [Enfasi ta' din il-Qorti]

---

[1] Dok. A a fol. 14 tal-process Citaz. 199/1998.
[2] Appell Civili Nru. 544/03 deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Frar 2005.

21. Ghalhekk, f'dan il-kaz odjern, jirrizulta car illi din id-dikjarazzjoni tal-intimata fl-iskrittura privata tal-14 ta' Ottubru 1993 issarraf f'gharfien u ammissjoni espressa u assoluta tal-ezistenza tad-dritt pretiz mir-rikorrenti li l-ammonti dovuti in konnessjoni mal-linja telefonika *de quo*, jithallsu mhux minnu izda mill-intimata. Hawnhekk ghandha ragun l-ewwel Qorti. B'danakollu, huwa evidenti wkoll illi dak ir-rikonoxximent tal-jedd tar-rikorrenti li jippretendi minghand l-intimata l-hlas ta' ammonti dovuti lill-Korporazzjoni fuq il-linja *de quo*, ma jistax jitqies bhala rikonoxximent li ghandu effikacja eterna jew, fi kliem iehor, li ghandu effett li jorbot lill-istess intimata ghal dejjem, kif jidher li fissret l-ewwel Qorti fis-Sentenza taghha meta qalet li l-pagamenti akkont huma rikonoxximent tad-debitu u l-kontestazzjoni dwar il-quantum titqies bhala rinunzja ghall-preskrizzjoni. Kif sejjer jirrizulta, **dawn il-fatti ta' gharfien da parti tal-intimata avvveraw ruhhom fis-snin 1993 u 1996**. Dan appuntu minhabba l-effett tal-istitut tal-preskrizzjoni, li huwa istitut proceduralment mehtieg daqskemm huwa odjuz, u li huwa definit bhala mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-Ligi[3]. Kif inhuwa assodat fil-gurisprudenza:-

> "Il-preskrizzjoni hija definita bhala mod ta' <u>estinzjoni tad-dritt fejn il-fondament taghha hu rikondott ghar-rinunzja tacita da parti tat-titolar tad-dritt</u>. <u>Abbinat ma' din it-tifsira jinghad ukoll illi l-esigenza tal-</u>

[3] Artikolu 2107(2) Kodici Civili.

> preskrizzjoni hi dik li tigi assigurata c-certezza tar-rapporti guridici. Dan johrog sew mil-ligi taghna ad exemplum fl-Artikoli 2107(2), 2112, 2113 u 2115(1) tal-Kodici Civili. Hu car ukoll illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma hijiex wahda ta' ordni pubblika tant li hi rizervata biss, bl-operat tal-ligi, ex-Artikolu 2111 tal-Kap.16, lill-parti interessata. Fil-kaz allura li titqajjem il-preskrizzjoni l-unika procedura konsentita kienet dik li l-attur jipproduci provi dwar l-interuzzjoni jew is-sospensjoni tal-perijodu preskrittiv jew dwar l-ammissjoni tal-kreditu da parte tal-konvenut debitur tieghu jew li l-attur jissodisfa lill-Qorti li l-preskrizzjoni eccepita ma kienetx applikabbli ghal kaz."[4] [Sottominejar ta' dina l-Qorti]

22. Huwa minnu illi bl-gharfien espress tal-intimata li hija responsabbli ghall-hlas tal-ammonti dovuti fuq is-servizz telefoniku fil-fond lokat lilha, hija rrinunzjat ghaz-zmien tal-preskrizzjoni gja` dekors sa dakinhar, izda dan ir-rikonoxximent tal-ezistenza tal-jedd tar-rikorrenti fil-konfront taghha jopera biss ghall-fini ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni. **Wara l-14 ta' Ottubru 1993 ghalhekk, rega' beda ghaddej iz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrenti bbazata fuq id-dritt pretiz minnu u rikonoxxut mill-intimata fl-imsemmija skrittura privata**, u dan ai termini ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 2136 tal-Kapitolu 16.

23. Ghandha ragun ukoll l-ewwel Qorti meta qieset illi l-intimata ghamlet pagamenti akkont tad-debitu dovut lis-socjeta' Maltacom plc illum Go plc, wara d-data tal-ftehim Dok. A, kif del resto tixhed l-ittra

---

[4] **Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma v. Oil and Construction International Limited**, Appell Civili Nru. 924/01 deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004.

taghha stess tat-13 ta' Ottubru 1994 esebit bhala Dok. SFZ[5]. Dawn il-pagamenti jidher li baqghu jsiru mill-intimata sal-10 ta' Dicembru 1996 skont ir-rendikont esebit a fol. 6 u 166[6] tal-process Citaz. Numru 199/1998. Dawn il-pagamenti akkont ukoll jammontaw ghal rikonoxximent da parti tal-intimata illi l-ammonti dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku in kwistjoni, huma dovuti minnha, u jammontaw ghalhekk ukoll bhala interruzzjoni ohra tal-preskrizzjoni u rinunzja tal-preskrizzjoni gja` kompjuta wara l-iskrittura privata ffirmata sena qabel.

24. Fir-rigward tal-pagamenti li l-intimata ghamlet akkont tal-ammont pretiz minn Maltacom plc fuq is-servizz tat-telefon *de quo*, l-istess appellanti ssostni li dawn il-pagamenti dejjem saru *under protest* u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala gharfien tal-ezistenza tal-jedd pretiz ghall-hlas tal-ammonti dovuti fuq is-servizz telefoniku in kwistjoni. Il-Qorti ma tikkondividix dan l-argument. Il-kontestazzjoni tal-intimata, f'dan l-istadju, ma kienetx dwar ir-responsabbilita` taghha ghall-hlas tal-ammonti dovuti fuq is-servizz *de quo* u ma kienetx qed tichad l-ezistenza tad-dejn, izda l-kontestazzjoni taghha kienet dwar il-*quantum* tal-ammont pretiz.

---

[5] A fol. 167 tal-process 199/1998: *"In the meantime please continue to accept monthly payments of Lm200 for the remaining months, as you have been accepting for the past year or so."*

[6] Dok. SFY.

25. Fis-Sentenza fl-ismijiet **Mary Rose Tabone qabel Stellini v. Silvio Vassallo pro et noe**[7], gie ritenut illi fejn debitur ma jichadx id-dejn, imma semplicement jikkontesta l-*quantum* tal-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri, u dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni. Ghalhekk, il-hlasijiet li ghamlet l-intimata, ghalkemm taht protest, jitqiesu bhala interruzzjoni ohra tal-preskrizzjoni stante illi l-protest kien limitat ghall-entita' tad-debitu pretiz, bil-konsegwenza illi sal-10 ta' Dicembru 1996 l-intimata rinunzjat ghall-preskrizzjoni li setghet sadakinhar iddekorriet a favur taghha.

26. Jenhtieg issa li jigi ezaminat dak li gara wara l-10 ta' Dicembru 1996 ghall-finijiet ta' interruzzjoni o meno tal-preskrizzjoni eccepita mill-intimata. Fir-Rikors tal-Appell taghha[8], l-intimata ghamlet riassunt tajjeb tal-*iter* processwali fiz-zewg proceduri, cioe` Citaz Numru 199/1998 deciza fl-10 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet **Maltacom plc v. Emmanuel Vella**,[9] u fil-process tal-kawza odjerna. Relevanti huwa l-fatt illi l-intimata giet imsejha fil-kawza Citaz. Numru 199/1998 fuq talba tar-rikorrent appellat, allura konvenut **sabiex twiegeb ghall-azzjoni**

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004.
[8] Fol. 118.
[9] Allegat mal-proceduri odjerni,

**istitwita minn Maltacom plc ghall-hlas tal-ammont dovut fuq is-servizz telefoniku bin-numru 432724**.

27. Jirrizulta mill-atti illi l-intimata Adelina Sacco ghalkemm debitament notifikata, ma pprezentatx Nota ta' Eccezzjonijiet u baqghet kontumaci fil-proceduri Citaz. Numru 199/1998. L-istess appellanti tikkontendi, fl-Appell odjern taghha, li n-notifika taghha b'dawk il-proceduri bhala imsejha fil-kawza ma tiswix ghaliex nharget notifika wahda ghaliha u ghal Connie Abdilla. Din il-Qorti ma tikkondividix l-argument tal-appellanti dwar dan l-ilment stante illi certament dan l-appell odjern taghha ma huwiex il-forum idoneu biex jitressaq aggravju dwar notifika allegatament mhux valida f'proceduri separati, u ma jirrizultax illi l-intimata appellata kkontestat permezz ta' proceduri *ad hoc*, il-validita' tan-notifika taghha skont ir-referta a fol 142 tal-imsemmi process. Ghalhekk, ghall-finijiet ta' dan l-appell odjern, in-notifika ta' Adelina Sacco fl-4 ta' Novembru 2003 fil-proceduri Citaz. Numru 199/1998 qed titqies li hija valida.

28. Madanakollu, din il-Qorti lanqas ma tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti illi n-notifika ta' Adelina Sacco bil-proceduri fuq imsemmija, fl-4 ta' Novembru 2003, tista' titqies bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni esperita mir-rikorrenti. Hija bla dubju interruzzjoni tal-

preskrizzjoni tal-azzjoni mmexxija minn Maltacom plc ghall-hlas lilha tal-ammonti pretizi fuq is-servizz telefoniku in kwistjoni, izda certament mhux interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghall-finijiet tal-kreditu pretiz direttament mir-rikorrenti f'dawn il-proceduri odjerni. Skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili:-

> "Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll **b'att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur**, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun **jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom**." [enfasi ta' din il-Qorti]

Inoltre, l-Artikolu 2132(1) jiddisponi illi:-

> "Il-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b'talba gudizzjarja jitqies bhallikieku ma sarx, jekk … it-talba tigi michuda."

29. Evidentement, it-talba gudizzjarja li l-ewwel Qorti qieset li kisret il-preskrizzjoni fil-konfront tal-intimata Adelina Sacco, ma gietx ipprezentata mill-kreditur f'dawn il-proceduri odjerni, cioe` mir-rikorrenti, izda minn Maltacom plc fil-konfront ta' Emmanuel Vella. **Adelina Sacco giet imsejha fil-kawza biex twiegeb appuntu ghat-talba gudizzjarja ta' Maltacom plc u mhux ghat-talba gudizzjarja ta' Emmanuel Vella**. L-unika talba gudizzjarja li jidher li qatt giet ipprezentata mill-imsemmi rikorrenti fil-konfront ta' Adelina Cini, hija r-Rikors Guramentat f'din il-kawza li huwa, flimkien ma' martu, ipprezenta fit-30 ta' April 2008. **Ma ngabitx prova dwar att jew talba gudizzjarja ohra pprezentat mir-rikorrenti f'din il-kawza fil-konfront ta' Adelina Sacco fejn interpellawha biex thallas l-ammont mitlub f'dawn il-proceduri, lanqas**

**wara li r-rikorrenti hallsu lil Go plc s-somma ridotta ta' €40,000 sussegwentement ghall-kundanna taghhom bis-Sentenza tal-10 ta' Jannar 2008 (Citaz. Numru 199.98) li jhallsu l-ammont mitlub mill-istess socjeta`.**

30. Jinghad illi, ghalkemm l-ammonti pretizi fil-kawza Citaz. Numru 199/1998 minn Maltacom plc, u fil-kawza odjerna mir-rikorrenti Vella, jirreferu ghall-istess servizz telefoniku, **il-fondament guridiku taz-zewg talbiet huwa distint**: fil-kawza istitwita minn Maltacom plc, il-kawzali tat-talba ghall-hlas ta' ammont kienet il-kuntratt konkluz bejn l-istess socjeta' u Emanuel Vella ghall-istallazzjoni ta' servizz telefoniku bin-numru 432724, filwaqt illi l-fondament tat-talba odjerna tar-rikorrenti huwa (i) l-uzu tas-servizz telefoniku da parti tal-intimata li kienet tikri l-fond fejn kien installat is-servizz *de quo*, (ii) il-ftehim konkluz bejn il-partijiet fl-14 ta' Ottubru 1993 u (iii) il-kundanna tal-istess rikorrenti ghall-hlas tal-ammont in kwistjoni permezz tas-Sentenza moghtija fl-10 ta' Jannar 2008.

31. B'ebda mod ma jista' jinghad ghalhekk illi r-rikorrenti kienu l-kredituri fit-talba gudizzjarja maghmula bic-Citazzjoni Numru 199/98, anke ghaliex lanqas jidher bic-car mill-imsemmija talba gudizzjarja illi Emmanuel Vella kien il-kreditur li bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu, kif irid l-Artikolu 2128 tal-Kapitolu 16.

32. Wiehed ma jridx jinsa wkoll illi t-talba ta' Maltacom plc fl-imsemmija proceduri, giet michuda fil-konfront ta' Adelina Sacco li giet kjamata fl-istess

kawza, u ghalhekk f'kull kaz, anke kieku l-preskrizzjoni tal-azzjoni ta' Emmanuel Vella u martu setghet giet interrotta b'dik it-talba gudizzjarja notifikata lill-intimata, l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ma tiswix a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2132 fuq citat.

33. Konsegwentement, it-talba gudizzjarja msemmija u l-kjamata fil-kawza ta' Adelina Sacco fl-4 ta' Novembru 2003, ma jiswewx biex jiksru l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna tar-rikorrenti ghall-hlas tas-somma li huma hallsu lil Maltacom plc ossia Go plc, u dan kuntrarjament ghal dak li taghti l-impressjoni li kkonkludiet l-ewwel Qorti.

34. In segwitu ghall-kjamata taghha fil-kawza, l-intimata Adelina Sacco fid-depozizzjoni taghha tal-20 ta' Mejju <u>2003</u>, ghalkemm xehdet li gharfet il-firma taghha fuq l-iskrittura privata tal-14 ta' Ottubru 1993, b'ebda mod ma rrikonoxxiet jew ammettiet li hija ghandha taghti l-ammont pretiz. Anzi, qalet:

> "… kont ghidtilhom li jiena jidhirli li kont hallast bizzejjed ghat-telefonati li ghamilt barra minn Malta."

Hawnhekk l-appellanti ghandha ragun meta tghid illi ma kien hemm l-ebda ammissjoni gdida, lanqas fl-atti tal-kawza odjerna. Quddiem l-ewwel Qorti fil-proceduri odjerni, l-intimata ma xehditx relattivament ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u lanqas gie moghti lilha l-gurament decizorju fin-nuqqas ta' prova mressqa mill-intimat b'xi mezz iehor dwar l-interruzzjoni o meno tal-

preskrizzjoni. Infatti l-partijiet strahu fuq il-provi migjuba l-atti tal-kawza Citazz. Numru 199/1998[10] oltre li pprezentaw noti ta' sottomissjonijiet.

35. Ghalhekk, **jirrizulta illi l-ahhar fatt li jista' possibbilment jiswa' bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrenti ghall-pagament tal-ammont li huma hallsu lis-socjeta` Go plc, cioe` gharfien li dan l-ammont huwa dovut minnha, sehh fl-10 ta' Dicembru 1996 meta l-intimata kienet waqfet taghmel pagamenti lil Maltacom**. Minn dik id-data sakemm giet ipprezentata din il-kawza fit-30 ta' April 2008 ghaddew kwazi tnax-il sena u ma ngabet l-ebda prova li l-preskrizzjoni giet miksura b'xi mod.

36. Fil-hames eccezzjoni sollevata fir-Risposta guramentata taghha pprezentata ft-28 ta' Ottubru 2008, l-intimata eccepiet illi l-ammont pretiz mill-atturi "ma hux reali". Ammont li ma huwiex reali ifisser ammont li ma jezistix fir-realta` u l-Qorti ma taqbilx illi din l-eccezzjoni tista' tikkonfigura f'dak li huwa kontestazzjoni dwar il-*quantum* pretiz. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti ezaminat is-sentenza indikata mill-ewwel Qorti fl-ismijiet **Antonia Attard Gialanze v. Emanuel u Doris Rizzo**[11] u tqis illi din is-sentenza ma tista' tkun ta' ebda konfort f'dan il-kaz stante illi l-konvenuti f'dik il-kawza kienu eccepew espressament illi l-ammont pretiz kien wiehed esagerat, filwaqt li l-intimata la f'din il-kawza u lanqas fil-kawza Citaz. Numru 199/98 ma ssollevat xi eccezzjoni simili jew kontestazzjoni formali dwar il-*quantum*.

[10] Verbal tat-18 ta' Marzu 2009.

[11] Appell Inferjuri, deciz 29 ta' Jannar 1998.

37. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

Illi tenut kont li l-appell rigwardanti l-ewwel sentenza qed jigi milqugh, u ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti appellati qed titqies bhala preskritta, ma hemmx htiega aktar li jigu kkonsidrati l-aggravji dwar it-tieni sentenza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell tal-appellanti billi tilqa' l-istess u tiddikjara l-azzjoni tar-rikorrenti appellati preskritta bid-dekors ta' hames snin skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 u konsegwentement, tirrevoka s-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2011 kif ukoll is-sentenza tal-11 ta' Gunju 2013, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df